# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' April, 2024.**

**Numru 7**

**Rikors numru 1257/2018/1 AF**

**Francesco Carbone (Permess tar-Residenza Nru MT6926446)**

**v.**

**Gamma Capital Markets Limited[1] (C-51103)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Francesco Carbone minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar is-6 ta' Ottubru, 2020, li biha sabet lil Gamma Capital Markets Limited responsabbli għal ksur ta' ftehim kuntrattwali u ordnat lill-istess kumpanija

[1] Din il-Qorti qiegħda tordna li l-kelma «*Limited*» wara l-isem «*Gamma Capital Markets*» għandha tiġi mdaħħla fl-okkju ta' din is-sentenza u fl-okkju tas-sentenza appellata bit-tħaddim tal-**Artikolu 175(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' €1,225 bħala danni, flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż tal-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-18 ta' Diċembru, 2018, l-attur fisser li nhar it-3 ta' Mejju, 2017, huwa daħal fi ftehim mal-kumpanija Gamma Capital Markets Limited (minn issa 'l hemm imsejħa wkoll bħala 'Gamma'), li permezz tiegħu din tal-aħħar ħatritu bħala konsulent u direttur tal-fondi fil-qasam finanzjarju. Waħda mill-kundizzjonijiet ta' dik il-ħatra, kienet li huwa kellu jibda joffri s-servizzi tiegħu, hekk kif jiġi approvat bħala persuna kompetenti u xierqa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Ġie maqbul li l-kumpanija konvenuta kellha tieħu ħsieb tressaq dik l-applikazzjoni f'ismu.

3. Għalkemm jgħid li Gamma kienet stqarret u nsistiet miegħu li l-Awtorità kienet irrikonoxxiet l-applikazzjoni tiegħu, madankollu huwa jilmenta li Gamma ma kienet għamlet xejn minn dak li kienet qaltlu, tant li meta ċċekkja mal-Awtorità, huwa sar jaf li l-applikazzjoni tiegħu baqgħet qatt ma tressqet.

4. Minbarra li jilmenta li b'dan kollu Gamma kisret il-ftehim li kellha miegħu, isostni li dak in-nuqqas għamillu wkoll il-ħsara, billi sa dak iż-

żmien, huwa kien diġà beda jirreferi l-klijenti lil dik il-kumpanija u spiċċa wkoll biex ġarrab ċertu spejjeż biex ġie joqgħod Malta flimkien ma' familtu.

5. Jissokta billi jgħid li għalkemm huwa kien bagħat ittra uffiċjali lil Gamma sabiex tħallsu għal dawn id-danni, din baqgħet m'għamlet xejn minn dak li talabha, u minħabba f'hekk huwa kellu jibda din il-kawża li fiha talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta responsabbli għad-danni sofferti mill-esponenti per konsegwenza tal-atteġġjament traskuraġni u neliġenza da parti tagħha meta naqset li tonora dak miftiehem, u ossia li tissottometti l-applikazzjoni tar-rikorrenti lill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;*
>
> *2. Tillikwida d-danni subiti mill-attur per konsegwenza tal-atteġġjament tas-soċjetà konventa;*
>
> *3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas id-danni;*
>
> *Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1780/18 ippreżentata nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u bl-interessi skont il-liġi sad-data tal-eventwali pagament effettiv. Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa s-soċjetà intimata hija msejħa u b'riżerva għal kwalunkwe azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur kontra s-soċjetà intimata.»*

6. Minkejja li ġiet notifikata bir-rikors maħluf, il-kumpanija konvenuta baqgħet ma weġibtx għall-kawża, u għalhekk baqgħet kontumaċi għall-għanijiet u effetti kollha tal-liġi.

7. B'sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru, 2020, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur u kkundannat lill-kumpanija konvenuta sabiex tħallsu b'kollox bħala danni s-somma ta' €1,225, bl-ispejjeż tal-kawża u bl-

imgħax mit-28 ta' Mejju, 2018, i.e. mid-data ta' meta l-kumpanija konvenuta ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali mibgħuta mill-attur.

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kienu dawn:

*«Ikkunsidrat illi din hija kawża għad-danni minħabba inadempjenza kuntrattwali. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt fit-3 ta' Mejju 2017 li permezz tiegħu s-soċjetà konvenuta kellha tinkariga lill-attur bħala konsulent fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Dan il-kuntratt kien soġġett għall-otteniment ta' awtorizzazzjoni mingħand l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (minn issa 'l quddiem imsejħa 'MFSA') sabiex l-attur jipprattika bħala investment advisor.*

*L-attur jgħid illi għalkemm il-konvenuta kellha tieħu ħsieb hi li tissottometti applikazzjoni mal-MFSA għal din l-awtorizzazzjoni, wara li kien ipprovda d-dokumenti kollha meħtieġa u anke ħallas l-ispejjeż legali li talbuh, din l-applikazzjoni ma saret qatt b'dan illi allura l-attur ma setax jibda joffri s-servizzi tiegħu bħala konsulent skont il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet. Il-ftehim ġie formalment itterminat permezz ta' e-mail tal-21 ta' Marzu 2018. Huwa għalhekk qiegħed jitlob kumpens għat-telf li jgħid illi sofra minħabba dan in-nuqqas tal-konvenuta.*

*Jirriżulta li l-konvenuta, minkejja li debitament notifikata bl-atti tal-kawża, ma ppreżentat l-ebda risposta għat-talbiet attriċi. Madanakollu, hija ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet finali fejn irribattiet biss li ma kkawżat l-ebda danni lill-attur. Huwa stabbilit illi l-kontumaċja ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma' ammissjoni.*

*...*

*Li l-konvenuta qatt ma applikat għall-awtorizzazzjoni huwa kkonfermat mir-rappreżentant tal-MFSA li xehdet f'dawn il-proċeduri. Jidher illi l-attur issottometta biss il-personal questionnaire filwaqt li l-applikazzjoni kellha ta' bil-fors issir mill-kumpanija konvenuta. Madanakollu, mill-iskambju ta' korrispondenza bejn l-attur u ċertu Laurinda Foster, li kienet qiegħda tassistih fl-imsemmi personal questionnaire, jidher li l-MFSA ma kinitx kuntenta bir-riferenzi professjonali li ssottometta l-attur.*

*L-attur isemmi ħafna episodji u skambji ta' korrispondenza ma' rappreżentanti tal-konvenuta li seħħew qabel ma ffirmaw il-kuntratt il-partijiet, li fil-fehma tal-Qorti ftit li xejn għandhom rilevanza għall-kawża tal-lum li hija bbażata biss fuq in-nuqqas tal-konvenuta milli tapplika għall-awtorizzazzjoni mingħand l-MFSA.*

*Lanqas ma huwa rilevanti li l-attur jgħid li oriġinarjament ġie mwiegħed kuntratt partikolari mbagħad ippreżentawlu kuntratt differenti biex jiffirma għaliex din il-kawża mhijiex ibbażata fuq dan.*

*Dwar ir-responsabbiltà tal-konvenuta għan-nuqqas tal-applikazzjoni mal-MFSA din il-Qorti m'għandhiex wisq xi tgħid. Skont ma xehdet ir-rappreżentant tal-MFSA, hija l-kumpanija li trid tieħu ħsieb tapplika għal din l-awtorizzazzjoni, xi ħaġa li l-konvenuta naqset milli tagħmel minkejja li ġie ffirmat il-kuntratt ta' konsulenza, u allura, jekk l-attur sofra xi ħsara minħabba f'hekk, il-konvenuta għandha tagħmel tajjeb billi tikkumpensa lill-attur.*

*Madanakollu, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż legali li inkorra l-attur sabiex ipprepara l-personal questionnaire li kellu mbagħad iwassal għall-applikazzjoni tiegħu, il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax takkolja d-danni li qiegħed jippretendi l-attur għas-segwenti raġunijiet:*

> *i. Il-kera li qiegħed jippretendi kumpens tagħha tirrisali għas-sena ta' qabel ma' l-attur iffirma l-kuntratt inkwistjoni. Din mhijiex kawża għal danni prekuntrattwali imma limitatament dwar l-inadempjenza tal-konvenuta meta naqset milli tissottometti applikazzjoni mal-MFSA. L-istess jista' jingħad dwar l-ispejjeż relatati mal-uffiċju li kellu l-Italja u d-danni li jgħid li sofra għaliex kellu jiffirma kuntratt differenti minn dak li kien qiegħed jinnegozja inizjalment mal-konvenuta;*
>
> *ii. Il-kuntratt jgħid ċar u tond li l-attur kien ser jiġi ingaġġat bħala konsulent meta jiġi approvat mill-MFSA. Madanakollu, l-attur ma kellu l-ebda garanzija li din l-awtorizzazzjoni kienet ser tingħatalu;*
>
> *iii. Filwaqt illi huwa minnu li kellu jitħallas perċentwali fuq il-management fees u klijenti ġodda li jintroduċi lill-kumpanija, paga fissa ma kienx ser ikollu u lanqas ma ġab prova tajba li attwalment kien ser jitħallas il-miżati li qiegħed jippretendi;*
>
> *iv. Finalment, il-pretensjoni tal-attur għal danni morali lanqas ma għandha mis-sewwa. Lil hinn mill-kwistjoni dwar jekk il-liġi tagħna taħsibx għal-likwidazzjoni ta' kumpens fuq il-kawżali tad-danni morali f'dan il-każ, kien ikun xieraq li l-attur iressaq provi tajbin biżżejjed dwar dawn id-danni li jgħid li sofra. Fil-fehma tal-Qorti, huwa naqas milli jwettaq dan il-grad ta' prova u għalhekk, mhijiex sejra tillikwida danni taħt din il-kawżali.»*

9. L-attur Francesco Carbone ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u b'rikors tal-appell tad-19 ta' Ottubru, 2020, talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex iżżid u tillikwida favurih ammont akbar ta' danni mis-somma

ta' €1,225 mogħti lilu fis-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra Gamma.

10. Gamma Capital Markets Limited wieġbet għal dan l-appell fl-10 ta' Novembru, 2020 u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra l-attur.

11. Inżamm smigħ fid-29 ta' Frar, 2024, u f'dik is-seduta l-avukati tal-partijiet stqarrew li ma kellhom xejn xi jżidu mal-atti tal-kawża. Minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. L-aggravju tal-attur huwa wieħed, u kif anke tixhed anke t-talba finali tar-rikors tal-appell, dan huwa fis-sens li l-Ewwel Qorti kellha tillikwida ammont ta' danni li huwa bil-wisq akbar minn €1,225.

13. Fir-rikors tal-appell, l-attur jibda billi jargumenta li kien fir-responsabbiltà tal-Ewwel Qorti li tillikwida ammont li huwa raġonevoli, meta mqabbel mad-danni kollha li huwa ġarrab minħabba n-nuqqasijiet tal-kumpanija appellata. Ifisser li huwa dejjem żamm mal-istess linja ta' ħsieb u sewwasew li n-nuqqas tal-kumpanija appellata li tressaq l-applikazzjoni mal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, wassal biex huwa ġarrab ċertu danni, kemm bħala spejjeż biex ġie joqgħod f'Malta flimkien ma' familtu, kif ukoll għaliex huwa beda jaqdi dmirijietu

skont il-kuntratt u jirreferi l-klijenti lejn il-kumpanija appellata.

14. F'dan is-sens jisħaq li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti, li huwa kellu jinħatar bħala konsulent minn meta jiġi approvat mill-Awtorità hija żbaljata u jgħid li hija wkoll żbaljata l-impressjoni tal-Ewwel Qorti li d-danni mġarrba minnu kienu frott tal-għaġla min-naħa tiegħu.

15. Jissokta billi jilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qalet li huwa ma rnexxilux jipprova d-danni li ġarrab bi provi konklussivi. Ifisser li huwa ta stampa ċara tad-danni kollha li ġarrab fil-prospett tad-danni li ressaq fl-atti tal-kawża, u jargumenta li dak il-prospett kellu jservi bħala prova tal-irjus tad-danni kollha li l-Ewwel Qorti setgħet tikkwantifika u tillikwida favurih. Jisħaq għalhekk li l-Ewwel Qorti kellha kull prova konkreta quddiemha biex tillikwida d-danni mġarrba minnu u f'dan is-sens jgħid li d-danni kuntrattwali, *«kienu konsistenti f'telf ta' qligħ, telf ta' spejjeż relatati mar-rilokazzjoni tal-appellant u familtu ġewwa Malta, management fees u danni morali fost l-oħrajn.»*

16. Jagħlaq billi jgħid li d-danni li huwa ġarrab huma reali u mhux ipotetiċi jew dipendenti minn fatturi li mhumiex ċerti, u fid-dawl ta' dan kollu jisħaq li l-Ewwel Qorti, *«qatt ma setgħet tillikwida d-danni fl-ammont ta' elf mitejn u ħamsa u għoxrin ewro (Eur 1,225) meta l-appellant prova l-każ tiegħu bi provi konkreti u sodisfaċenti li jimmeritaw li d-danni likwidati għandhom jiġu awmentati fil-massimu tagħhom in linea mal-prospett*

*ippreżentat mill-appellant.»*

17. Fil-fehma tal-Qorti dan l-appell tal-attur huwa manifestament mingħajr sies u dan għal ħafna raġunijet.

18. Ibda biex, għajr għal żewġ argumenti li kif ħa naraw huma għalkollox ħżiena, ir-rikors tal-appell jikkonsisti biss fi kritika ġenerali, li hija niexfa qoxqox minn referenzi speċifiċi lejn il-konsiderazzjonijiet ewlenin li għalihom l-Ewwel Qorti dehrilha li l-attur ma rnexxilux jipprova l-parti l-kbira tal-irjus tad-danni li niżżel fil-prospett tad-danni.

19. Jekk nagħtu ħarsa lejn is-sentenza appellata, naraw li l-Ewwel Qorti ddedikat erba' paragrafi li fihom tat bosta raġunijiet dwar kif u għalfejn l-attur ma rnexxilux jipprova dawk l-irjus tad-danni li għalihom ma llikwidat l-ebda ammonti. Minn dawk il-konsiderazzjonijiet kollha, l-attur qabad biss ma' parti minn konsiderazzjoni waħda, li biex tkompli tgħaxxaq jidher li fehma ħażin, għaliex fis-sewwa, l-Ewwel Qorti la tat x'jinftiehem li d-danni mġarrba minnu kienu l-frott tal-għaġla li tagħha huwa jrid iġorr il-ħtija, u wisq inqas li hu ma kienx ħaqqu xi danni għaliex kien għadu ma nħatarx b'mod formali mill-kumpanija appellata.

20. Bilkemm hemm għalfejn jiġi mfakkar, li skont l-**Artikolu 143(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, rikors tal-appell għat-

tħassir ta' sentenza mogħtija fl-ewwel grad għandu jkun fih raġunijiet dettaljati li għalihom ikun qiegħed jintalab dak it-tħassir.

21. Għalkemm huwa veru li l-frażi «*raġunijiet dettaljati*», m'għandhiex tinftiehem li r-rikorsi tal-appell għandhom ikunu miżgħuda b'argumenti li ma jispiċċaw qatt, min-naħa l-oħra, min jappella għandu minn tal-inqas jimpenja ruħu li jfisser b'mod preċiż l-ilmenti tiegħu, għaliex kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Luana Deguara v. Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna nomine*** deċiża fit-3 ta' Frar, 2009, «*mhijiex waħda mill-funzjonijiet ta' din il-Qorti li toqgħod tipprova teskoġita jew tindovina x'setgħa intenda l-appellant.*»

22. Fuq kollox dawk l-ilmenti għandhom imbagħad ikunu marbuta b'mod dirett lejn il-konsiderazzjonijiet li jkunu ngħataw fis-sentenza appellata, u mhux sempliċi titnija tas-sottomissjonijiet jew ripetizzjoni tal-argumenti li jkunu tressqu quddiem il-Qorti tal-ewwel grad (ara f'dan is-sens ***Santumas Shareholdings plc v. C&M Contractors Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024).

23. L-istess prinċipji jgħoddu bl-istess mod, jekk mhux ukoll b'aktar qawwa, f'dawk l-appelli, li fihom l-appellant ikun qiegħed jattakka l-apprezzament tal-provi li tkun wettqet il-Qorti tal-ewwel grad. Tassew, ingħad mhux darba, li f'appelli b'ilmenti ta' din ix-xorta, l-appellant għandu

jindika sewwa fejn ma jaqbilx u għalfejn, u dan għar-raġuni li m'għandhiex tkun il-Qorti tal-Appell li tagħmel xogħol l-appellant (ara ***Rosemarie Magri pro et noe v. Joseph Magri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2008 u ***Dr Annalisa Caruana v. Transport Malta*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-25 ta' Ġunju, 2021).

24. Sewwasew f'dan il-każ, l-attur appellant ma jistax jistenna li din il-Qorti tal-Appell għandha ddawwar is-sentenza tal-Ewwel Qorti fuq is-sempliċi argument li l-Ewwel Qorti, *«kellha kwalsiasi prova konkreta quddiemha»*, jew inkella għaliex il-prospett tad-danni li ressaq quddiem dik il-Qorti, kellu jservi bħala prova tajba biżżejjed tal-irjus kollha tad-danni mitluba minnu.

25. Fil-prospett tad-danni, l-attur appellant niżżel xejn inqas minn disat irjus tad-danni, u ġaladarba qiegħed jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tagħtih dawk id-danni kollha (€788,714 b'kollox), l-attur kellu minn tal-inqas ifisser kif u għaliex l-Ewwel Qorti kellha tagħtih dawk id-danni, u dan b'argumenti li huma <u>speċifiċi</u> għal kull ras ta' dannu msemmi minnu fil-prospett. Kif osservat sewwa l-kumpanija appellata fit-tweġiba għall-appell, l-appellant m'għamel xejn minn dan u naqas għalkollox milli jfisser fil-konkret kif huwa rnexxilu jressaq provi konklussivi dwar kull ras ta' dannu li niżżel fil-prospett. Fis-sewwa, dan mhuwiex il-mod ta' kif għandu jitressaq appell ta' din ix-xorta, u fuq hekk biss, l-appell tal-attur ma jistax

ikun fejjiedi.

26. F'kull każ, l-appellant lanqas ma jista' jippretendi li huwa kellu jingħata l-massimu tad-danni li talab fil-prospett għar-raġuni, li l-kumpanija appellata *«għandha tpatti għal għemilha»* peress li kisret il-ftehim li kellha miegħu. Raġunament bħal dan huwa għalkollox żbaljat u ġie mxejjen f'għadd kbir ta' sentenzi li fihom tfisser kif l-għan wara d-danni ta' sura kuntrattwali mhuwiex li jkunu xi mezz ta' piena kontra l-parti li tkun naqset fl-obbligi tagħha, iżda biss għodda li biha tissewwa dik il-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba tkun batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra (ara b'eżempju ***Horizon Terminals Limited v. Harbour Investments Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Frar, 2022).

27. L-appellant għandu wkoll bżonn jifhem, li mbilli l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel talba tiegħu u sabet lill-kumpanija appellata responsabbli għad-danni mġarrba minnu, ma jfissirx li b'daqshekk dik il-kumpanija kellha bilfors tiġi kkundannata li tħallsu d-danni kollha mitluba minnu. Tassew, huwa mifhum li d-dikjarazzjoni nfisha tar-responsabbiltà għad-danni m'għandhiex tinftiehem li dawk id-danni tassew jeżistu (ara ***Joe Xuereb Holding Co. Ltd. v. Marlene Xuereb et.*** mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2005).

28. L-eżistenza tad-danni, kif ukoll il-kwantità tagħhom, għandhom għalhekk jiġu dejjem ippruvati bħal kull fatt ieħor, u dan bl-aħjar provi li l-parti tkun tista' ġġib (ara l-**Artikoli 559** u **562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u s-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Albert Rizzo v. Eden Leisure Group Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell, fil-5 ta' Frar, 2014).

29. Dawn l-istess prinċipji jibqgħu jgħoddu, irrispettivament minn jekk il-parti konvenuta tkunx wieġbet għall-kawża jew inkella tkunx waqgħet fi stat ta' kontumaċja. Wara kollox, l-Ewwel Qorti rraġunat sewwa li l-kontumaċja hija meqjusa bħala kontestazzjoni għat-talbiet tal-attur, u bl-ebda mod m'għandha tittieħed daqslikieku kienet xi stqarrija ta' responsabbiltà jew xi ammissjoni (ara ***Gernod Schmid v. Cornelia Astrid Schmid*** deċiża mill-Qorti tal-Appell, fl-24 ta' Ottubru, 2019 u ***George Busuttil et v. Anthony Vassallo et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020).

30. Jixraq ukoll li jitfakkar li mhux kull xorta ta' ħsara tista' tissarraf fil-ħlas tad-danni. Id-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma, it-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef (ara l-**Artikolu 1135 tal-Kodiċi Ċivili**), u dan dejjem sakemm jintwera li t-tali telf jew qligħ imtellef ikunu <u>l-effett immedjat u dirett</u> tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni (ara l-**Artikolu**

**1137 tal-Kodiċi Ċivili**). Huma għalhekk biss dawk id-danni li raġonevolment jitqiesu bħala konsegwenza diretta tan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni, li l-parti mġarrba mill-ksur kontrattwali għandha jedd għalihom (ara ***Cutajar Construction Limited v. Pierre P. Gregoire****,* mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2019).

31. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji kollha b'referenza speċifika għad-disat irjus tad-danni li l-appellant niżżel fil-prospett tad-danni, il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li għajr għal dik ir-ras tad-danni li fiha l-attur talab lura l-ispejjeż legali li nefaq biex mela l-applikazzjoni inkwistjoni, fil-bqija, l-attur naqas għalkollox milli jipprova li d-danni li qal li ġarrab huma konsegwenza diretta tan-nuqqas tal-kumpanija konvenuta li tibgħat l-applikazzjoni tiegħu lill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji.

32. Il-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma fuq is-saħħa ta' dawn ir-raġunijiet.

33. Fl-ewwel lok, u sa fejn għandha x'taqsam mal-ewwel ras tad-danni li fiha l-appellant qiegħed jippretendi s-somma ta' €9,000 bħala **<u>spejjeż taċ-ċaqliq mill-Italja għal Malta</u>** (ara paragrafu (a) tal-prospett tad-danni f'paġna 115 tal-atti tal-kawża), din il-Qorti jidhrilha li l-appellant mhuwiex qiegħed ikun sinċier meta qiegħed jipprova jagħti l-impressjoni li huwa ġie Malta flimkien ma' familtu minħabba l-prospett ta' xogħol li kellu ma'

Gamma.

34. Kemm fl-affidavit (ara paragrafi 6 u 10 ta' Dok FC01, f'paġni 18 u 19 tal-atti tal-kawża), kif ukoll fix-xhieda tiegħu (f'paġna 112 tal-atti tal-kawża), l-attur stqarr li huwa beda n-negozjati tiegħu ma' Gamma f'Ġunju, 2016. Min-naħa l-oħra, minn ħarsa lejn il-kuntratt ta' kera li qiegħed jirreferi għalih l-appellant, jidher imbagħad li dak il-kuntratt kien ilu li sar sa mill-aħħar ta' Jannar, 2016, u kellu jibda b'effett mill-1 ta' Frar 2016 (ara Dok B, f'paġni 120 sa 124 tal-atti tal-kawża). Filwaqt li, dan il-fatt waħdu diġà juri li l-attur, x'aktarx, kien diġà ġie Malta fi Frar tas-sena 2016, id-dokument tal-permess ta' residenza f'Malta tal-attur, ma jħalli mbagħad l-ebda dubju li l-appellant kien diġà ttrasloka lejn Malta sa mill-inqas minn Marzu, 2016, u dan billi d-data tal-ħruġ ta' dak id-dokument hija d-9 ta' Marzu, 2016 (ara Dok A f'paġna 118 tal-atti tal-kawża). Kollox għalhekk juri li l-appellant ġie joqgħod Malta qabel ma tfaċċatlu l-opportunità ta' xogħol ma' Gamma.

35. Barra minn hekk, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-appellant lanqas ma jista' jippretendi xi kumpens minħabba l-fatt li huwa dam minn Ġunju 2016 sa Mejju 2017 sabiex iffirma l-kuntratt mal-kumpanija appellata. Il-Qorti qiegħda tgħid hekk għaliex, minbarra li kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, il-kawżali u t-talbiet tar-rikors maħluf tal-attur mhumiex mibnija fuq hekk, f'kull każ, il-Qorti rat li fl-affidavit tiegħu, l-attur stess stqarr li huwa

ma setax jiffirma l-kuntratt ma' Gamma qabel ma kien ser jirċievi dik li jsejħilha bħala l-*«letter of liberation»* mill-Finanza e Futuro Banca, li tiegħu kien impjegat (ara paragrafu 17 tal-affidavit tal-attur, Dok FC01, f'paġna 20 tal-atti tal-kawża). Mill-atti jirriżulta li dik l-ittra nħarġet fit-tieni ġimgħa ta' April 2017 (ara Dok G, f'paġna 64 tal-atti tal-kawża), u peress li l-kuntratt inkwistjoni ġie ffirmat biss ġimagħtejn wara, l-attur lanqas ma qiegħed ikun siewi meta jgħid li kien hemm xi dewmien partikolari minn Gamma biex iffirma l-kuntratt u li dak id-dewmien ġarrablu d-danni.

36. Għamlet sew għalhekk l-Ewwel Qorti li ma tatx lill-attur dawk id-danni li ppretenda fl-ewwel paragrafu tal-prospett tad-danni.

37. Bl-istess mod, u għall-istess raġunijiet li ngħataw f'paragrafu 35 ta' din is-sentenza, il-Qorti ma tarax li l-attur jistħoqqlu li jingħata kumpens ta' €3,089, li jirrappreżentaw il-flejjes li jgħid li ħareġ minn butu bħala parti mill-kontribuzzjoni tal-**<u>ispejjeż għaż-żamma tal-uffiċċju li kellu fl-impjieg tiegħu ma' Finanza & Futuro Banca</u>**, u dan għall-istess perjodu ta' bejn Ġunju 2016 u t-3 ta' Mejju, 2013 (ara paragrafu (b) tal-prospett tad-danni, f'paġna 115 tal-atti tal-kawża). Fl-affidavit tiegħu l-attur għamilha ċara li huwa kien baqa' impjegat ma' Finanza & Futuro sa April tas-sena 2017 (ara paragrafu 20 ta' Dok FC01, f'paġna 20 tal-atti tal-kawża) u għalhekk dawk l-ispejjeż ħallashom għas-sempliċi raġuni li huwa baqa' impjegat ma' Finanza & Futuro. L-attur ma jistax għalhekk

jippretendi li hija l-kumpanija appellata li għandha tagħmel tajjeb għal dawk l-ispejjeż. Wara kollox, hu biss seta' bbenefika milli baqa' impjegat ma' Finanza & Futuro sa dak iż-żmien li fih kellu jħallas il-kontribuzzjonijiet tal-uffiċċju.

38. Il-Qorti lanqas ma tista' ssib xejn ħażin fil-konklużjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandha x'taqsam ma' dawk l-irjus tad-danni li b'xi mod jew ieħor huma marbuta mal-pretensjonijiet tal-attur dwar l-allegat **telf ta' qligħ**.

39. Biex l-appellant seta' jipprova li n-nuqqas tal-kumpanija konvenuta wasslu biex tilef il-qligħ imsemmi minnu f'paragrafi (c), (e), (f), (g) u (h) tal-prospett tad-danni, huwa kellu qabel xejn jipprova li bl-esperjenza u l-kwalifiki li kellu, l-Awtorità kienet wisq probabbli ser taċċetta l-applikazzjoni tiegħu u tqisu bħala persuna xierqa u kompetenti biex ikun jista' jwettaq dawk id-dmirijiet imsemmija fil-kuntratt tat-3 ta' Mejju, 2017, u b'mod partikolari dak ta' *investment advisor.* Dan qiegħed jingħad, għaliex kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, l-attur ma kellu l-ebda garanzija li l-applikazzjoni tiegħu kienet ser tiġi approvata mill-Awtorità. Naturalment, mingħajr dik l-approvazzjoni l-attur ma seta' qatt jagħmel il-qligħ li qiegħed jgħid li tilef.

40. Għalkemm huwa veru li fl-affidavit tiegħu l-appellant qal li huwa

kwalifikat bħala konsulent finanzjarju u għandu grad (*degree*) mill-Università ta' Turin fl-ekonomija tal-intermedjarji finanzjarji (li mank biss ressaq prova tagħha fl-atti), b'daqshekk ma jfissirx li dik il-kwalifika kienet rilevanti jew biżżejjed għall-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta biex tapprovalu l-ħatra tiegħu bħala *investment advisor.* L-istess raġunament jgħodd għaċ-ċertifkat bl-isem ta' *Relatationship Manager at Credit Suisse in Private Banking,* kif ukoll għall-esperjenza twila li stqarr li kellu fil-qasam finanzjarju.

41. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, l-appellant seta' faċilment jistaqsi lix-xhud li ħarrek mid-dipartiment tal-approvazzjonijiet, fi ħdan l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, jekk bil-kwalifiki u bl-esperjenza li kellu, l-Awtorità setgħetx tikkunsidrah bħala kompetenti u idoneu għall-ħatra ta' *investment advisor*. Għar-raġunijiet li jaf hu biss, l-attur appellant m'għamel xejn minn dan, u f'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti ma tistax tassumi li l-applikazzjoni tiegħu kienet ser tiġi approvata u li fl-aħħar mill-aħħar kien ser ikun intitolat għall-qligħ kollu li qiegħed jippretendi fil-prospett tad-danni.

42. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, il-kuntratt li fuqu l-attur appellant sejjes il-kawża huwa ċar u jispeċifika li l-ingaġġ tiegħu kellu jibda minn meta huwa kien ser jiġi approvat mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji f'Malta (ara klawsola 3.2 tal-kuntratt, Dok U, f'paġna 147 tal-atti tal-

kawża). Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li jekk l-attur tassew beda jwettaq xi xogħol u jirreferi l-klijenti lill-kumpanija appellata qabel ma kellu l-approvazzjoni tal-Awtorità f'idejh, huwa kien qiegħed jagħmel dan b'riskju għalih, u b'għarfien sħiħ ta' dak ir-riskju.

43. Lanqas ma jista' jitħalla barra l-fatt, li fih innifsu, il-kuntratt ta' konsulenza inkwistjoni ma kienx iwaqqaf lill-appellant milli jagħmel xogħol ieħor sakemm ma jkunx kunfliġġenti ma' dak li kellu jagħmel lill-kumpanija appellata (ara paragrafu 5.2 tal-kuntratt, Dok U f'paġni 148 u 149 tal-atti tal-kawża). Fil-fehma tal-Qorti dan juri li fil-verità ma kien hemm xejn x'seta' żamm lill-appellant sabiex jaħseb għal rasu u jkompli jagħmel xogħol ieħor sakemm ikollu l-approvazzjoni mill-Awtorità f'idejh sabiex imbagħad ikun jista' jibda jagħti s-servizzi tiegħu lill-kumpanija appellata. Dan aktar u aktar meta l-attur kien ser ikun qiegħed jagħti s-servizzi tiegħu lill-kumpanija appellata fil-kapaċità tiegħu bħala impjegat għal rasu (*self employed*) u mhux bħala impjegat tal-kumpanija appellata (ara paragrafu 4.2 tal-kuntratt, Dok U, f'paġna 147 tal-atti tal-kawża). L-attur appellant lanqas għalhekk ma wera li huwa għamel dak kollu li seta' biex kemm jista' jkun inaqqas it-telf li qiegħed jallega li ġarrab.

44. F'kull każ, u dwar l-ammont ta' €10,400 bħala *management fees* (ara paragrafu c tal-prospett, f'paġna 116 tal-atti tal-kawża), il-Qorti qiegħda tifhem li l-ammont mitlub mill-appellant huwa msejjes fuq rata

bażi ta' tmien mitt ewro fix-xahar, għal medda ta' tlettax-il xahar (€800 x 13 = €10,400). Għalkemm l-attur qal li din is-somma tirriżulta mill-fatturi li hemeż flimkien mal-prospett u mmarkahom bħala 'D' sa 'F' (f'paġni 127 sa 129 tal-atti tal-kawża), il-Qorti rat li f'dawk il-fatturi m'hemm l-ebda referenza għal xi *management fees,* u minflok jirriferu għal *«Commissions due as per Introducing Agreement – Opening of Trading Account».* M'hemm għalhekk xejn x'juri minn fejn l-attur ħareġ bir-rata ta' tmien mitt ewro fix-xahar li speċifikament jirreferu għal xi *management fees.* Naturalment kien jaqa' fuq spallejn l-attur li jispjega fid-dettall kif u x'fatta ħareġ b'dik ir-rata, u għalfejn qiegħed jippretendiha fuq medda ta' tlettax-il xahar.

45. L-istess jgħodd għar-ras ta' danni msemmija bħala *management fees on supported customers* (paragrafu (e) tal-prospett, f'paġna 116 tal-atti tal-kawża), u li fiha l-attur qiegħed jitlob is-somma ta' €42,000. F'dan il-każ, jidher li l-attur wasal għal din is-somma billi ħadem ir-rata bażi ta' €700 fix-xahar fuq medda ta' ħames snin. Għalkemm l-attur fisser li dawn il-miżati jirreferu għal, *«supported customers who will end the next 5 years following investments with a 7-year time bond/contract stipulated in June 2017»,* l-attur ma ressaq l-ebda prova li biha wera kif kien ser ikun intitolat għar-rata ta' €700 fix-xahar, u aktar u aktar fuq medda ta' ħames snin.

46. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-ammont ta' €200,000, li l-attur talab f'paragrafu (f) tal-prospett (f'paġna 116 tal-atti tal-kawża), il-Qorti rat li hawnhekk l-attur ibbaża din is-somma fuq il-medja li jgħid li daħħal bejn is-snin 2013 sa 2016, mill-impjieg li kellu ma' Finanza e Futuro Gruppo Deutche Bank, fl-Italja. Il-Qorti fehmet ukoll li l-attur sejjes din ir-ras ta' danni fuq il-premessa li l-klijenti li kien jirrappreżenta meta kien jaħdem ma' Finanza e Futuro Gruppo Deutche Bank, fl-Italja kienu ser isiru klijenti ta' Gamma, u li b'hekk il-qligħ medju li kien jagħmel fl-impjieg ta' qabel kien ser jibqa' jagħmlu waqt li kien ser jagħti s-servizzi tiegħu lil Gamma.

47. Bla tlaqliq, il-Qorti jidhrilha li l-premessa li fuqha hija msejsa din ir-ras tad-danni hija ipotetika għall-aħħar. L-ewwel nett, l-attur ma ressaq l-ebda prova konkreta li biha wera kif seta' xi darba b'mod realistiku jistenna li l-klijenti kollha li kellu qabel, kienu ser ikunu lesti jaċċettaw li jsiru klijenti ta' Gamma. Fuq kollox, il-Qorti għandha mbagħad riżervi serji dwar kemm l-appellant seta' jikkomunika mal-klijenti li kellu qabel biex jikkonvinċihom jibdew jużaw is-servizzi ta' Gamma. Dan proprju għaliex fl-ittra li l-attur irrefera għaliha bħala *'letter of liberation'* (Dok G, f'paġna 64 tal-atti tal-kawża), l-attur ġie mwissi hekk mill-kumpanija li kien jaħdem magħha:

> *«ad asternersi dal divulgare dati o notizie, attinenti la nostra struttura organizzattiva o la clientela, di cui sia venuto a conoscenza in occasione dell'intercorso rapporto di agenzia;* ***la invitiamo, infine, ad evitare comportamenti contrari alle regole di concorrenza****, segnalandole a tal proposito che, per espressa previsione normativa, il suo operato deve*

*comunque essere finalizzato al perseguimento degli interessi della clientela.»*

48. L-istess raġunament jgħodd għal paragrafu (g) tal-prospett tad-danni (f'paġna 116 u 117 tal-atti tal-kawża), imsejjaħ bħala *entry fees on financial insurance products*, u li għal darb'oħra huwa msejjes fuq l-ipotesi li l-attur tilef il-qligħ li kien ser iġib mill-klijenti li kien jieħu ħsieb meta kien jaħdem ma' Finanza e Futuro Gruppo Deutche Bank, fl-Italja (ara Dok S, f'paġna 142 tal-atti tal-kawża). Agħar minn hekk, din ir-ras ta' danni tistrieħ fuq assunzjoni oħra, li l-klijenti li kellu l-attur u li kien ser jirnexxilu jġib ma' Gamma, kienu mbagħad ser jixtru prodott ta' assigurazzjoni dwar ħajjithom ma' *SEB Life International* (ara Dok T, f'paġna 143 tal-atti tal-kawża). Din ir-ras ta' danni ma hija għalhekk xejn għajr kastell ieħor fl-arja.

49. L-aħħar ras ta' danni dwar it-telf ta' qligħ hija mbagħad dik fl-ammont ta' €189,000, li tirreferi għall-qligħ ta' €120,000 fis-sena, li l-attur jgħid li kien ser jaqla' bħala 'paga' fl-irwol bħala '*fund manager and advisor'* ma' Gamma (ara paragrafu h tal-prospett, f'paġna 117 tal-atti tal-kawża). Fil-fehma tal-Qorti din ir-ras ta' danni lanqas ma ġiet ippruvata u dan għaliex minbarra li kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, il-kuntratt tat-3 ta' Mejju, 2017, ma kienx jirreferi għall-ammonti msemmija mill-appellant, fuq kollox, din ir-ras ta' danni hija wkoll ipotetika għaliex tinsab mibnija fuq il-premessa li l-Awtorità kienet ser tqisu kompetenti u xieraq biex ikun jista' jaqdi l-irwol ta' *fund manager and advisor* ma' Gamma.

50. Kif għedna qabel, l-attur naqas milli jipprova sal-grad li trid il-liġi li l-Awtorità kienet wisq probabbli ser taċċetta l-applikazzjoni tiegħu u tqisu bħala persuna xierqa u kompetenti biex ikun jista' jwettaq dawk id-dmirijiet. Mingħajr prova bħal din, l-attur ma jistax jippretendi li għandu jiġi kkumpensat għal telf ta' dħul, li lanqas ma wera li kien ser ikun intitolat għalih.

51. Tħares minn fejn tħares għalhekk, din il-Qorti ssib li l-attur appellant tabilħaqq ma rnexxilux jipprova dawk l-irjus kollha tad-danni li b'xi mod jew ieħor jirreferu għat-telf ta' qligħ.

52. Jifdal biss l-aħħar ras ta' danni li fih l-attur qiegħed jitlob is-somma ta' €150,000 bħala **<u>danni morali</u>** fuq il-premessa li minħabba l-età li għandu m'għadux tenibbli għalih li jirritorna lura għas-settur finanzjarju (ara paragrafu (i) tal-prospett, f'paġna 117 tal-atti). Għalkemm tassew li m'hemm xejn fil-liġi tagħna li jwaqqaf lill-Qrati milli jagħtu danni morali bħala kumpens għal ksur ta' obbligazzjonijiet kuntrattwali (ara ***Andrew Brincat et. v. Tabib Ewlieni tal-Gvern et.***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2021), min-naħa l-oħra, kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, l-attur naqas milli jġib prova tajba ta' dawk id-danni. Fuq kollox, il-Qorti ma tistax tifhem kif bniedem li fis-sena 2018 kellu 52 sena (ara d-data tat-twelid tal-attur fuq il-kopja tal-passaport Taljan tal-attur, f'paġna 118 tal-atti tal-kawża), jista' xi darba jgħid li minħabba l-età li għandu m'għadux

tenibbli għalih li jerġa' jaħdem fis-settur finanzjarju.

53. Fl-aħħar u mhux b'inqas l-attur lanqas ma ressaq xi prova konkreta li biha wera li minħabba n-nuqqasijiet tal-kumpanija appellata, huwa qed ibati minn xi anzjetà żejda jew tbatija mentali li qegħdin ixekkluh milli jkompli jaħdem bl-istess mod u ħeġġa li kien jaħdem bihom qabel.

54. Il-Qorti ma ssib għalhekk l-ebda raġuni li għaliha tista' ddawwar il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti u għal dawn ir-raġunijet l-appell tal-attur ser ikun qiegħed jiġi **miċħud**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq mill-attur u tikkonferma s-sentenza appellata tas-6 ta' Ottubru, 2020.

L-ispejjeż tal-appell għandu jħallashom kollha l-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss